MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 86/1998/1

**Alfred Delia**

**vs**

**Segretarju Permanenti u d-Direttur Dipartiment tat-Toroq u b'digriet tas-27 ta' April 1998 gew kjamati in kawza l-Kunsilli Lokali ta' Hal Qormi u Hal Luqa**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta' Novembru, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess attur is-somma ta’ tlett mija u ghoxrin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm320.25) ammont dovut ghal danni kkagunati fil-vettura tal-attur tal-marka Austin Montego bin-numru ta’ registrazzjoni IAC 963 u dana minhabba illi fil-5 ta’ Settembru 1997 ghal habta tat-8.15a.m. waqt li kienet nizla x-xita u l-attur kien qieghed isuq fi Triq Stabal Hal Qormi fid-direzzjoni Hal-Qormi/ Marsa, l-vettura tieghu dahlet go hofra li kien hemm minhabba illi t-tappiera fit-triq li suppost kien hemm kienet taret minn postha u l-ilma kien qieghed jghatti l-vojt u dan kollu gie kkagunat billi tali nuqqas huwa tort u responsabbli tad-Dipartiment konvenut.

Bl-ispejjes u bl-imghax inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-30 ta’ Settembru 1997 u tal-ittra uficjali ta’ Novembru 1997. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 4, 5 u fol 6 tal-atti) u li biha eccepew bir-rispett:-

Illi l-incident gara unikament htija ta’ l-istess attur minahbba sewqan negligenti u imprudenti da parti tieghu u fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti ma jahti xejn ghall-incident in kwistjoni u dan kif jigi ipprovat aktar fid-dettall waqt it-trattazjoni tal-kawza.

Illi fl-ewwel lok kemm il-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni kif ukoll is-Segretarju Permanenti mhumiex il-legittimi kontraditturi peress li huma mhumiex responsabbli ghat-tmexxija gjornaljera ossia “day-to-day running” tad-Dipartiment tat-Toroq.

Illi fit-tieni lok l-eccipjent Direttur tat-Toroq mhux il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna stante illi l-manutensjoni ta’ toroq li mhumiex ikklassifikati bhala arterji jew distributorji ma taqax taht il-mansjoni tad-Dipartment tat-Toroq izda taqa’ taht il-kompetenza tal-Kunsilli Lokali u dan ai termini ta’ l-Art 33 (10(a) u (2) tal-

Att dwar il-Kunsilli Lokali (Att nru XV ta' l-1993). Filfatt Triq Stabal, Hal Qormi, li fiha l-attur qed jallega illi gara l-incident, ma tikkwalifikax bhala triq arterja jew distrubutorja.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenuti mhumiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni peress illi kull hsara illi tigri b'forza magguri jbatiha dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara.

Illi fi kwalunkwe kaz it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi fl-incident "de quo" l-attur ma kienx prudenti bizzejjed u ma zammx "a proper look out".

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha (fol 9 u 13 ibid) u li bih gew kjamati in kawza l-Kunsilli Lokali ta' Hal Qormi u Hal Luqa.

Rat in-nota tal-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi (fol 29 ibid) u li biha eccepixxa:

1. Illi l-incident mertu tal-kawza odjerna ma garax fil-konfini tal-lokalita ta' Hal Qormi u ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi l-Kunsill Lokali Qormi ma hux responsabbli ghall-manutenzjoni tas-sistema tad-drenagg liema responsabilta' hija f'idejn id-Dipartiment tad-Drenagg u ghalhekk ukoll l-iccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi l-incident mertu tal-kawza odjerna gara f' "distributor road" illi ai termini tal-artikolu 33 (2) tal-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali huma responsabbilta tal-Gvern Centrali u huma ghal kollox eskluzi mill-kompetenza tal-Kunsilli Lokali.

4. Illi bla pregudizzju fi Triq Stabal, Hal Qormi, ma hemmx tappieri.

5. Illi fi kwalunkwe kaz dak li gara kien ikkawzat minn forza magguri li ghalih ma hux responsabbli l-eccipjenti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat illi l-Kunsill Lokali ta' Hal Luqa avolja notifikat fl-avviz (ara fol 24 "a tergo") ma ikkontestax it-talbiet attrici.

Ikkunsidrat

Illi fil-qosor il-fatti in esami huma is-segwenti:

a) L-attur spjega (a fol 53 tal-atti) illi fid-data in kwistjoni ghall-habta tas-6.15a.m. meta kien qed "ibexbex u tista' tghid li kien ghadu d-dlam", hu kien qed jsuq il-karozza imsemmija fl-avviz sabiex jmur flimkien ma Joseph Grima, fuq il-post tax-xoghol taghhom. Waqt li kienu ghaddejjin minn Triq Stabal, vicin ic-Cimiterju tat-Torok, "kienet niezla hafna xita" b' "hafna ilma fit-triq". Pero' avolja kien qed jsuq "bl-attenzjoni" ma kienx induna li tappiera, li kienet qed tghatti t-toqob tad-drenagg, inqalghet minn postha "minhabba dan l-ilma". Ghalhekk, rota tal-karozza tieghu nizlet f'din it-toqba li kienet mikxufa bit-tappiera relattiva taht l-istess karozza. In rigward dan xehed ukoll Joseph Grima gja msemmi (fol 31 et seq ibid) li kkonferma li meta gara l-incident kienet niezla x-xita u t-triq in kwistjoni kienet mimlija bl-ilma. Ghalhekk ma setghux jaraw li l-istess tappiera kienet maghqula minn postha.

Ikkunsidrat

Illi mix-xhieda ta' PS 200 Benjamin Calleja (fol 26 sa 28 tal-atti) li esebixxa kopja tar-rapport li sar mill-attur lill-Pulizija kif ukoll ta' PC 1572 Emanuel Cilia (fol 61 u fol 62 ibid) jidher li fid-data in kwistjoni kienet nizlet hafna xita.

Ikkunsidrat

Illi minn dawn il-provi jidher li:

a) It-triq fejn gara l-incident in esami ghandha tigi konsiderata bhala “a distributor road” skond l-Att tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali u b’hekk, il-manutenzjoni taghha tispetta lill-Gvern Centrali. Inoltre hu ben saput illi meta tinzel hafna xita hafna tappieri jinqalghu minhabba li s-sistema tad-drenagg ma tkunx tista’ treggi ghall-pressa tal-ilma li jidhol fl-istess sistema. Ma hemm ebda dubbju li l-Gvern Centrali hu responsabbli ghal din is-sistema. Ghalhekk il-Qorti ma tarax kif azzjoni bhal din tista’ treggi fil-kontront tal-Kunsilli, kjamati in kawza.

b) Din il-Qorti ma tarax kif l-attur ghandu jigi konsiderat responsabbli ghall-hsarat fil-vettura tieghu stante li kontrarjament ghal dak li gie allegat mill-konvenuti, hu kien qed jsuq b’mod prudenti.

c) Pero, hawnhekk il-Qorti trid tara jekk il-konvenuti ghandhomx jigu ritenuti responsabbli ghall-istess hsarat minhabba tort da parti taghhom billi ma uzawx allegatament il-prudenza, diligenza, u attenzjoni ta’ “bonus parter familias”. Difatti jrid jigi pruvat li l-istess konvenuti, minhabba negligenza, imprudenza, jew nuqqas tad-debita attenzjoni, ikkagunaw l-istess hsarat (ara l-artiklu 1031, 1032 u 1033 tal-Kodici Civili). Pero jinghad ukoll li l-hsara kagunata minn “an irresistible force” ghandha tkun a karigu tal-persuna li fuqha jew fuq proprjeta taghha giet kawzata l-istess hsara (artikolu 1029 tal-istess kodici).

Fil-kaz in desamina, jidher li dan l-incident gie kagunat minn cirkostanzi li jammontaw ghal “res major” liema cirkostanzi jikkonsistu fix-xita li nizlet f’tali kwantita li dahlet fis-sistema tad-drenagg u bhala konsegwenza, qalghet minn postha l-imsemmija tappiera. Certament dawn il-fatti setghu kienu previsti mill-Awtorita’ kompetenti izda hu difficli hafna li setghu jigu evitati stante li l-istess incident gara waqt li kienet niezla x-xita bit-triq mimlija ilma.

Ghalhekk dan l-incident ghandu jigu konsiderat bhala risultat ta’ “an irresistible force” kif di gja gie premess.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li tilqa t-tieni eccezzjoni sollevata mill-Kunsill Lokali ta’ Hal Qormi u tillibera lil dan il-Kunsill kif ukoll dak ta’ Hal Luqa mill-osservanza tal-Gudizzju, tichad it-talbiet attrici. In rigward l-ispejjes il-Qorti tara li :

(1) dawk in konnessjoni mal-eccezzjoni milqugha ghandhom jithallsu mill-konvenuti waqt;

2) li in rigward l-ispejjes l-ohra kull parti ghandha tbati dawk taghha.”

L-attur hassu aggravat b’din id-decizjoni u minnha nterpona appell konsistenti sostanzjalment fi kritika dwar il-mod kif l-ewwel Qorti kkonsidrat il-portata tal-kwestjoni tal-forza magguri. Fuq l-iskorta ta’ l-insenjamenti dottrinali u gurisprudenzjali minnu nkwadrati huwa jikkontendi li x-xita wahdiha ma taghmelx stat ta’ forza magguri. Huwa jsostni, mbaghad, illi gjaladarba hu fatt notorju li jinqalghu t-tappieri bix-xita kienet responsabilita` tal-awtoritajiet li jipprovdu minn qabel ghall-event bhal dan u ghalhekk ma setghetx tigi nvokata l-forza magguri.

Il-konvenuti appellati wiegbu ghal dan l-aggravju billi ssottomettew illi l-attur appellant ma rnexxielux jipprova l-ebda ness kawzali bejn l-incident li sofra u xi att jew ommissjoni tad-Direttur tat-Toroq. Inoltre, jirribattu wkoll illi l-appellant ma gabx prova li fit-triq in kwestjoni u f’diversi nhawi ta’ Malta kif taghmel ix-xita jinqalghu t-tappieri.

Il-Kunsill Lokali ta’ Hal-Luqa, kjamat fil-kawza, minn naha tieghu jattribwixxi l-incident ghall-kombinazzjoni ta’ xita partikolarment qawwija u s-sewqan imprudenti tal-attur. Jissokta jissottometti illi kien jispetta lill-attur li jipprova l-kolpa, anke ghaliex din ma setghetx tkun prezunta.

Huwa car minn ezami tas-sentenza appellata illi l-ewwel Qorti stabbiliet dawn l-elementi bhala preambulari ghall-gudizzju finali taghha, u cjoe`:-

i. Is-sewqan tal-attur kien prudenti;
ii. L-incident kien ir-rizultat ta’ ‘vis major’ konsistenti fil-kwantita` ta’ ilma tax-xita li dahlet fis-sistema tad-drenagg u qalghet it-tappiera;
iii. Il-hsarat kienu l-konsegwenza ta’ “an irresistible force” u allura dawn ghandhom jitbatew mill-persuna li fuq il-proprjeta` taghha jkunu sehhew.

Evidentement minn dan premess il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti hi arginata fuq id-dispost ta’ l-Artikolu 1029 tal-Kodici Civili li a propozitu jipprovdi li “kull hsara li tigri b’accident jew b’forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta’ disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara”. Dan id-dispost jattalja ma’ dak generali dwar l-effetti tal-obbligazzjonijiet, ex-Artikolu 1134.

Kif pacifikament akkolt mill-gurisprudenza taghna fuq is-suggett il-“forza magguri” hija dik il-forza li ghaliha huwa mpossibbli li wiehed jirrezisti, mentri l-“kaz fortuwitu” huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta’ ordinarja diligenza – “**Albert Borg Falzon pro et noe –vs- Charles Darmanin pro et noe**”, Appell Kummercjali, 7 ta’ Gunju 1940 (**Vol XXX pI p869**).

Gja kien gie stabbilit illi “il caso fortuito o la forza maggore e` l’evento non dipendente da azione o omissione volontaria o colposa, non prevedibile o almeno non evitabile” – “**Pubblio Azzopardi -vs- Antonio Arcicovich et**”, Appell Civili, 14 ta’ Novembru 1919 (**Vol XXIV pI p172**).

Hekk issokta jinghad ukoll illi “biex ikun hemm il-kaz fortuwitu jrid ikun hemm event li ma jiddependix mill-fatt tad-debitur, event imprevedibbli u inevitabbli. Ghall-applikazzjoni tal-prevedibilita` jew imprevedibilita` ta’ l-event ghandha tigi applikata t-teorija tad-diligenza tal-“bonus pater familias”, li fin-nuqqas taghha ggib il-“colpa” tad-debitur, li allura jiznatura l-koncett tal-“forza maggiore” – “**Kurunell Hugh Philip Raymond noe -vs- Negte**

**Manwel Busuttil pro et noe**”, Appell Kummercjali, 16 ta’ Novembu 1942 (**Kollez Vol XXXI pI p554**).

Fil-precitati kazijiet kollha gie affermat il-principju illi “il concetto del caso fortuito, in quanto almeno alla irresponsabilita` che ne deriva, viene meno quando concorre il fatto positivo o negativo dell’uomo” (“**P.L. Costantino Fenech –vs- Camillo Gatt noe et**”, Prim’Awla, 17 ta’ Mejju1902 (Vol XVIII pII p164; “**Caterina Bezzina -vs- Giorgio Grech et**”, Prim’Awla, 7 ta’ Gunju 1938 (Vol XXX pII p142).

Kif ahjar spjegat fil-precitata sentenza a **Vol XXIV pI p172**, “quando invece vi ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenza della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto”.

Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet ta’ dritt fuq il-materja huwa konkordament ricevut illi “l-prova tal-forza magguri jew tal-kaz fortuwitu ghandu jaghmilha d-debitur” (“**Consiglia Fenech –vs- Angelo Carabott**, Appell Kummercjali, 17 ta’ Novembru 1941, **Vol XXXI pI p467**). F’dan il-kaz allura din il-prova kellha ssir mill-konvenuti appellati ghax kienu huma li ssollevaw bhala difiza liberatorja l-fatt tal-forza magguri fit-tielet eccezzjoni taghhom. Prova din li fir-realta` tal-atti processwali qatt ma saret minnhom billi l-ebda xhieda jew provi ma ressqu.

Issa indubitament skond ir-regoli tal-oneru tal-prova l-attur appellant kellu fl-ewwel lok u di rigore jgib dawk l-elementi ta’ prova li hu kien fl-obbligu li jgib biex jipprova l-htija fil-konvenuti appellati. Prova din li f’kawza civili ghad-danni kienet tirrikjedi bilanc serju ta’ probabilita`, inkella l-Qorti kien ikollha taqa’ fuq is-soluzzjoni tad-dubbju ragonevoli u tal-principju “actore non probante reus absolvitur”.

Fil-kaz in ezami jidher li l-ewwel Qorti kienet sodisfatta minn prova bhal din pero` mbaghad tiskagona lill-appellati fuq il-bazi tal-forza magguri. Dan taghmlu fuq l-assunt illi

ghalkemm il-fatti setghu kienu previsti mill-awtorita` kompetenti minn naha l-ohra kien difficli hafna li jigu evitati minhabba x-xita li nizlet u inondat it-triq. Evidentement f'din il-konkluzjoni l-ewwel Qorti kienet qed issegwi dak li drabi ohra gie ritenut, u cjoe, li "skond il-principji tad-dritt biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma mehtieg li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jigi evitat b'diligenza ordinarja tal-bonus paterfamilias" – "**Carmelo Micallef -vs- Brigadier John Belle McCance noe**", Prim'Awla, 7 ta' Frar 1953 (**Vol XXXVII pII p637**). Osservazzjoni din ribadita fis-sentenza recensjuri tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Carmelo Micallef –vs- Direttur tax-Xoghlijiet**", 28 ta' Frar 2001.

Premess dan il-principju, jinhass opportun illi qabel kull indagini ohra tal-kaz partikolari, jigi ribadit dak kummentat fis-sentenza a **Vol XXXI pI p554**, gja fuq citata, u cjoe, li "kull kaz ghandu jigi konsidrat ghalih peress illi c-cirkustanzi ta' zmien jew ta' natura ohra jistghu jbiddlu s-soluzzjoni fis-sens illi l-event, fejn kien imprevedibbli f'kaz, isir prevedibbli f'kaz iehor, u ghalhekk l-ezekuzzjoni (jew l-inevitibilita`) ma tkunx impossibbli."

Huwa fatt maghruf f'pajjizna illi taghmel ix-xita u kultant anke xita qawwija u kontinwa. Huwa pubblikament notorju wkoll illi meta s-sistema tal-kanali tad-drenagg ma tlahhaqx mal-volum tal-ilma tax-xita jfuru t-tappieri b'mod li bil-pressa dawn jinqalghu minn posthom. Dan hu ben saput u m'hemmx il-htiega tal-ebda prova pozittiva f'dan il-kuntest.

Jekk dan hu hekk ma jistax ikun dubitat illi allura l-amministrazzjoni pubblika, proprjetarja tat-triq u tas-servizzi l-ohra sitwati fit-triq, hi tenuta tipprevedi sitwazzjonijiet determinanti, anke perikoluzi, meta jsehhu certi fenomeni atmosferici. Oggettivament allura l-perikolu jew insidju fit-triq ghall-utent seta' wkoll, la prevedibbli, jigi evitat. Kif gja manifest l-piz tal-prova kien jinkombi f'dan il-kaz fuq il-konvenuti appellati billi kienu huma li kkontraponew ghat-talba tal-attur appellanti d-difiza tal-

forza magguri. Huma htiegilhom allura jiddemostraw bi prova pozittiva illi hadu l-passi rimedjali, effikaci u effettivi, biex jiskansaw kull dannu possibbli lill-utent. Wiehed ma jistax jikkontenta ruhu billi sempliciment jiddefendi ruhu bid-difiza tal-forza magguri minghajr ma jaghmel xejn aktar u lanqas ma jgib l-ebda prova li turi li hu kien ha provvedimenti adegwati biex jiskongura ghall-event.

Minn dan premess u mill-fatti kaptati mill-provi processwali hi l-fehma tal-Qorti illi gjaladarba kienet konoxxuta l-ezistenza objettiva tal-perikolu bil-fatt tal-qlugh minn posthom tat-tappieri fl-event tax-xita hafna, dan iwassal, b'ragunament, ghall-accertazzjoni illi dan l-istess perikolu seta' jigi evitat. Mod iehor ikollu jinghad illi "se la cosa pericola per trascuratezza o negligenza del suo proprietario esso e` in colpa per non mantenere la cosa in condizioni tali da non recare nocumento ad altri" – "**Amadeo F. Inglott noe -vs- Sacerdote Giuseppe Camilleri et**", Appell Civili, 22 ta' Jannar 1932 (**Vol XXVIII pI p222**). Li jfisser allura illi l-event dannuz hu dovut ghal kondotta kolpuza ommissiva tal-awtorita` pubblika f'sitwazzjoni prevedibbli u li setghet, b'ghaqal u b'diligenza ordinarja preventiva, tevita d-dannu. Fl-opinjoni tal-Qorti ghalhekk l-attur irnexxielu jipprova n-ness ta' kawzalita` bejn din l-istess kondotta u d-danni subiti minnu. Meta l-fatt allura hu hekk imputabbli lill-konvenuti appellati l-allegat "sopravvenuto fortuito", kif jikkwalifika l-**Giorgi** (Vol II pag 145), ma jistghax jitqies bhala fatt liberatorju (Ara Vol XLIV pI p329), ghaliex allura "jitlef in-natura tieghu ta' kaz fortuwitu la darba seta jigi impedit permezz ta' diligenza ordinarja" li huma kienu obbligati li juzaw (**Kollez Vol XXX pI p869**).

Raggunta din il-konkluzjoni, l-konvenuti appellati ghandhom fic-cirkostanzi jaghmlu tajjeb ghad-danni subiti. Kwantu ghall-ammont tad-danni din il-Qorti tinnota illi filwaqt li l-attur appellant talab bhala rizarciment is-somma ta' tliet mija u ghoxrin lira, hamsa u ghoxrin centezmu (Lm320.25,0) fl-avviz promotur, imbaghad naqas li jgib prova dwarhom hlief ghas-somma ta' disghin lira (Lm90) stima tat-tiswijiet. Ara xhieda u rapport tas-surveyor Natalino Agius (fol 45 u fol 46). Din il-Qorti ta' revizjoni

certament ma tistax taghmel tajjeb ghan-nuqqas tal-attur appellant li jgib il-provi dwar l-entita tad-danni u fil-mument li proceduralment kien obbligat li jgibhom. Ara a propozitu f'dan is-sens sentenza fl-ismijiet "**Innocent Spiteri –vs- Jimmy Vella**", Appell, 14 ta' Novembru 2000.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost mill-attur appellant u b'hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tat-13 ta' Novembru 2003 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta). Tilqa' ghalhekk it-talba tal-istess attur appellant pero` limitatament ghad-danni ta' disghin lira Maltija (Lm90). L-ispejjez gudizzjarji ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti appellati. Dawk tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-Qorti Inferjuri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------